MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Avviz Numru. 328/2013

**Yana Vella**

**Vs**

**Karl-John Bezzina**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' hdax-il elf tlett mija u sitta u ghoxrin Ewro (€11,362) rapprezentanti kemm flus mislufa lilu direttament mill-attrici u kemm flus imhallsin lill-kredituri tieghu fl-interess tieghu mill-attrici, u liema ammont gie accettat u kkonfermat minnu bhala debitu tieghu favur l-istess attrici.

Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali bin-numru 1504/2013, u bl-imghax legali dekorribbli mill-24 ta' Mejju, 2013 sal-jum tal-pagament effettiv kontrih. Hu kien ngunt in subizzjoni.

Rat li fis-seduta tas-7 t'April, 2014 il-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, ma deherx u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tal-14 t'April, 2014, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk it-talba tal-attrici ghandha titqies bhala mistqarra.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hdax-il elf tlett mija u sitta u ghoxrin Ewro (€11,362) bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali bin-numru 1504/2013, u bl-imghax legali dekorribbli mill-24 ta' Mejju, 2013 sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------